# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 72/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**John Giardina**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, John Giardina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 317368M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-24 t'Awwissu, 2014 għall-ħabta ta' 16:40hrs ġewwa ż-Żejtun;

1) Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS 1386, inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2) Ikkaġuna lil PS 1386 biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, meta kif jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tiegħu kienet ser tikkaguna din il-biża;

3) B'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-kodiċi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4) Inġurja jew hedded jew għamel offiżi fuq il-persuna ta' WPS 175 inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5) Uża xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma kienx dak li jkun ġie fornut għalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall-użu kif imissu tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella użajtu b'mod mhux kif imiss;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-4 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, mhux hati tal-imputazzjonjiet l-ohra w illiberatu minnhom u wara li rat l-Artikolu 261 tal-Kap 9 ikkundannatu għal multa ta' €800;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Frar, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-esponenti appellanti ħati tal-imputazzjonijiet numri 2, 3, 4 u 5 miġjuba fil-konfront tiegħu u tirrevoka u tħassar l-kumplament tas-sentenza appellata fejn sabet lill-esponenti appellanti ħati taħt l-imputazzjonijiet numru 1 u tiddikjarah mhux ħati u tilliberaħ minn kull ħtija u piena. B'mod

sussidjarju, l-appellant talab ir-riforma tas-sentenza bir-revoka tal-piena u sabiex tkun imposta piena anqas harxa;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat

1. IIli dan l-appell huwa limitat ghas-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni bi gravami sia dwar il-htija kif ukoll dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti. Minn ezami tas-sentenza appellata, izda, jemergi illi meta l-ewwel Qorti sabet htija fl-ewwel imputazzjoni ccitat artikolu tal-ligi, l-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali, li ma ghandu ebda relevanza ghall-fatti imputati;
2. Illi skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, meta Qorti taghti sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-Kodici jew ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Fil-kaz odjern kellu jissemma l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u mhux l-artikolu 261 li huwa dwar il-kwalifiki tas-serq. Din hi kwistjoni ta' ordni pubbliku u konsegwentement il-Qorti tista', kif ser taghmel, tissolleva n-nullita' tas-sentenza *ex officio* (Ara fost diversi sentenzi **Il-Pulizija vs Karmenu Attard** [App Kri 28.4.1995]);
3. Kif gia inghad, l-ewwel Qorti ccitat hazin l-artikolu tal-ligi li dwaru sabet htija. Kif kostantement deciz mill-Qrati taghna dan huwa nuqqas ta' formalita' essenzjali li jgib bhala konsegwenza in-

nullita u ghalhekk din is-sentenza qed tkun dikjarata nulla u bla effett;

4. Illi dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita; li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu Attard**) Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igiefieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995])

5. Illi brevement rakkontati l-fatti, jirrizulta illi fl-24 t'Awwissu, 2016, l-appellant cempel l-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun biex jitolbu jaccedi gewwa l-kazin fejn kien ghaliex kien hemm persuna qed ttih fastidju fejn mid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti rrizulta li dan kien qed jistiednu ghal-glied. PS 1386 Anthony Agius wiegeb din it-telefonata u informa lill-appellant illi dak il-hin ma setghax imur ghaliex kien jinsab wahdu u ghalhekk kien ser jikkomunika mal-Ghassa ta' Birzebbugia sabiex appena jigi ufficcjal iehor, jaccedi fil-kazin;

6. PS 1386 ma lahaqx mar fil-kazin u ghalhekk l-appellant imputat mar hu stess gewwa l-Ghassa u skond l-ufficcjal dan beda jheddu li kien ser jaqlaghlu ghajnejh u offizi ohra tant li kien ordnat li johrog mill-Ghassa u fin-nuqqas jintuza *pepper spray* fuqu

ghaliex l-imgieba tieghu kienet wahda vjolenti. L-appellant *ex admissis* jghid illi huwa minnu li offenda lis-Surgent izda ghamel dan b'reazzjoni ghall-insulti li rcieva minghandu u minkejja dan skuza ruhu tal-akkadut. Jiddeskrivi s-sitwazzjoni hekk: "*Jiena kif dhalt l-ghassa ghidtlu, ghidtlu ma gejtx tkellmu, ghidtlu rega' offendieni u ried jaqlaghli l-pacemaker* [it-terz]. *Qabad offendieni hu* [is-surgent] *mill-ewwel. Jien bil-gurament qed nixhed".*;

7. Fl-aggravju tieghu dwar is-sejbien ta' htija l-appellant jagumenta illi l-affidavit ta' PC 1226 kien miftiehem hazin u gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi il-hin tal-incident huwa differenti minn dak li fih fil-fatt sehh;

8. In atti hemm zewg affidavits ta' PC 1226 Silvan Pulis. Dak a fol 3 huwa irrelevanti ghaliex jirreferi ghal-incident iehor ghaliex milli semghet din il-Qorti kien hemm aktar minn incident wiehed bejn diversi persuni pero' dawk ma huma ta' ebda konsegwenza fil-kwistjoni odjerna. PC 1226 Silvan Pulis jikkonferma li għall-ħabta ta' 16:30hrs huwa kien infurmat minn PC 1386 li kellu bżonn l-assistenza għax kien hemm argument ġewwa Żejtun u li meta wasal l-għassa taż-Żejtun huwa sab lil John Giardina jinsulenta lil PS 1386 bi kliem li dam jirrepeti;

9. Issa, l-appellant jargumenta illi peress li l-affidavits jagħmlu referenza għal żewġ incidenti separati, l-Ewwel Qorti, u allura issa din il-Qorti, ma ghandhiex quddiemha rapport daqshekk korrett. Dan minħabba li fl-affidavit PC 1226 jiddikjara li PS 1386 talab għall-assistenza minħabba argument ġewwa ż-Żejtun u skont l-appellant kien hemm malintiż fuq dan il-punt għax PC 1386 ma kienx talab assistenza minħabba fih iżda minħabba xi ħaġa oħra. Inoltre, huwa jinsisti li kien l-ewwel li kien insulentat minn PS 1386 u li rrisponda għall-insulti b'reazzjoni immedjata;

10. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ghaliex mill-provi li semghet hi stess hi moralment konvinta illi l-incident sehh kif rakkontat minn PC1261 fejn l-appellant mar hu ifittex lill-dan l-ufficcjal l-

ghassa tal-pulizija biex jiehu s-sodisfazzjon ghaliex ma marx jipprestalu l-assistenza meta cempel dwar il-fastidju minn terz;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed issib lill-appellant hati tall-ewwel imputazzjoni, filwaqt illi tikkonferma mill-gdid n-nuqqas ta' htija tieghu kwantu it-2, it-3, ir-4 u l-5 imputazzjonijiet kif ukoll il-liberazzjoni tieghu minnhom;

12. Kwantu l-piena, l-appellant jargumenta illi din hi wahda harxa. L-Artikolu 95 tal-Kap 9 jipprovdi hekk:

*Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku,waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz,jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).*

13. Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-ragunament tal-appellant dwar il-piena mposta mill-ewwel Qorti u dan bhala sottomissjoni dwar il-piena issa li instab hati tal-ewwel imputazzjoni. L-anqas piena erogabbli ghalhekk hi ta' €800 skond l-artikolu appena citat;

14. Ghal dawn ir-ragunijiet, wara li rat l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u wara li rat il-fedina penali tal-appellant, qed tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' €800.